ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 08 ta' April, 2024

Talba Nru: CCT198/23/DS

Charles Vella

Vs

Top Choice Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2023 fejn talab illi s-soċjeta' intimata ttih riżarċiment ta' sebgħa mija u disgħa u erbgħin Ewro (€749) għalkemm imkien fit-talba jew waqt ix-xhieda ma ġie ndikat dan l-ammont x'jirrapreżenta eżattament;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-24 ta' Novembru, 2023;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi dan it-Tribunal jifhem illi għalkemm l-attur indika somma sabiex jiġi riżarċit l-istess mis-soċjeta' intimata, waqt ix-xhieda indika illi qiegħed jitlob illi jinbidillu l-iscreen tat-TV li kien xtara mingħand is-soċjeta' intimata.

Illi l-fatti in sustanzjali huma s-segwenti. L-attur kien ċempel lis-soċjeta' intimata dwar ħsara fil-power supply tat-TV mixtri mingħandha. L-istess soċjeta' talbitu jieħu t-TV fi stabbiliment biex isirulu t-tiswijiet. Staqsietu wkoll jekk għandux bżonn trasport pero' huwa indika li għandu biex iġorr l-istess TV b'dana illi għalkemm prova jieħu ħsieb idawwru f'xi gvieret sabiex ma ssirlux ħsara, saritlu ħsara fl-iscreen waqt li kien qiegħed jinġarr minnu.

Illi l-attur isostni illi rappreżentant tas-soċjeta' intimata kien indikalu, sussegwentement, illi t-TV suppost kellu jinġarr f'kaxxa apposta, pero' s-soċjeta' intiamta tiċħad illi dan huwa fil-fatt neċessarju, sakemm ma jintlaqatx it-TV, kif fil-fatt ġara.

Illi dan it-Tribunal semgħa x-xhieda prodotti kif ukoll semgħa t-telefonata illi ġiet preżentata mis-soċjeta' intimata fuq pendrive u huwa tal-opinjoni illi s-soċjeta' intimta m'għandha l-ebda tort fl-akkadut. Kien l-attur illi ddeċieda illi jġorr it-TV w'għaldaqstant kien jinkombi fuqu illi jkun diliġenti biżżejjed huwa u jagħmel dan. Is-soċjeta' intimata fil-fatt offrietlu s-servizz u kien huwa li ddeċieda illi ma jieħdux u jġorr it-TV hu. Għal din ir-raġuni ma kien hemm l-ebda obbligu ulterjuri li kellu jinkombi fuq is-soċjeta' intimata.

Illi bla preġudizzju għal dak li għadu kemm intqal, it-talba tal-attur hija primarjament biex jingħata l-ammont ta' sebgħa mija u disgħa u erbgħin Ewro (€749) mis-soċjeta' intimta pero' l-attur ma ġab l-ebda prova attenenti għall-dan l-ammont, l-ebda rċevuta ma ġiet preżentata u lanqas b'xi mod ma ġie ġġustifikat l-ammont waqt l-għoti tax-xhieda tiegħu.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest

mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru